

32004D0583

31.7.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 255/31

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tas-26 ta' Lulju 2004**

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa dwar il-kummerċ f'ċertu prodotti ta' l-azzar

(2004/583/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

prodotti ta' l-azzar ⁽²⁾(minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), approvat fisem il-KEFA bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/603/KEFA tat-8 ta' Lulju 2002 ⁽³⁾.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

- (4) It-Trattat tal-KEFA skada fit-23 ta' Lulju 2002 u l-Komunità Ewropea assumiet id-drittijiet u l-obbligi kollha kkuntrattati mill-KEFA.

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (5) Skond l-Artikolu 10 (2) tal-Ftehim il-Partijiet qablu li dan għandu jtkompla u li d-drittijiet u l-obbligi kollha tal-Partijiet għandhom jinżammu fis-seħħ wara tali skadenza.

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jstabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa 'l waħda, u l-Federazzjoni Russa, min-naħa 'l oħra ⁽¹⁾, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 1997.

- (6) Il-Partijiet daħlu f'konsultazzjonijiet kif previst fl-Artikolu 2(4) tal-Ftehim u qablu li jżidu l-limiti kwantitattivi stabbiliti fil-Ftehim biex jittieħed kont tat-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea.

- (2) L-Artikolu 21 tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni jipprovdi li l-kummerċ fi prodotti tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (minn hawn 'il quddiem imsejħa "KEFA") għandu jkun regolat mit-Titolu III ta' dak il-Ftehim, ħlief għall-Artikolu 15 tiegħu, u mid-dispożizzjonijiet ta' Ftehim dwar arranġamenti kwantitattivi dwar skambji ta' prodotti ta' l-azzar.

- (7) Barra minn hekk, il-Partijiet qablu li jżidu l-limiti kwantitattivi wkoll għar-rigward tad-Dikjarazzjoni Nru 1 tal-Ftehim dwar l-istabbiliment ta' ċentri ta' servizz fl-Unjoni Ewropea.

- (3) Fid-9 ta' Lulju 2002 il-KEFA u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa kkonkludew tali Ftehim dwar kummerċ f'ċertu

- (8) Il-Ftehim emendatorju għandu jkun approvat,

⁽¹⁾ ĠU L 327, tat-28.11.1997, p. 3. Ftehim kif l-aħħar emendat bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa (ĠU L 9, tal-15.1.2004, p. 22).

⁽²⁾ ĠU L 195, ta' l-24.7.2002, p. 55.

⁽³⁾ ĠU L 195, ta' l-24.7.2002, p. 54.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa dwar il-kummerċ f'ċertu prodotti ta' l-azzar huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

2. It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuna li għandha s-setgħa tiffirma l-Ftehim sabiex torbot il-Komunità.

Magħmula fi Brussell, nhar is-26 ta' Lulju 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

B. BOT